**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 41– 19 ta' Ottubru 2017**

***Minuti tal-41 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru, 2017 fil-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 41. Il-laqgha bdiet fil-5:40 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| | **Mr. Paul Bugeja** | Accountant |

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

**<u>41.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier George Cortis infurmaha li ma kienx ser jattendi ghal dik il-laqgha.

**<u>41.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>**

Is-Sindku Sarah Agius ġabet għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Chris Bongailas. Il-minuti ġew approvati unanimament. (151).

**<u>41.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>**

41.3.1 Dwar il-murali, il-Kunsillier Chris Bongailas qal li mportanti li l-fibreboard ikun moisture resistant, u li z-zebgha tkun waterproof.

41.3.2 Il-Kunsillier Philip Said ferah lill-Kunsill ghal Jum Haz-Zebbug li apparti l-attivita li ttellghet fis-Sala Dun Mikiel Xerri, kien hemm ukoll l-attivita edukattiva dwar is-sahha gewwa l-pjazza. Il-Kunsillier Said qal ukoll li r-rapport tas-Sindku ghandu jigi ccirkulat fid-djar. Huwa qal li din il-pubblikazzjoni ghandha tigi ccirkulata flimkien mal-kalendarju ta' taghrif dwar il-gbir tal-iskart.

41.3.3 Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-attivita relatat mal-Milied li kienet ser tkun imtella' mill-Kazin Banda 12th May kienet qed tigi kkancellata.

41.3.4 Il-Kunsill tkellem dwar il-kundizzjonijiet li saru mill-Pulizija dwar l-attivitajiet li ser jittellghu mill-iScouts, fejn gie mitlub li jkun hemm Pulizija prezenti waqt il-hin li l-Pjazza tkun maghluqa inkluz matul il-lejl. Gie maqbul unanimament li l-Iscouts ghandhom jitkellmu mal-Pulizija u kwalunkwe hlasijiet ghandhom isiru mill-istess ghaqdiet ghaliex il-Kunsill bl-ebda mod ma jista jaghmel donazzjonijiet.

41.3.5 Gie maqbul unanimament li l-Kunsill ghandu jiddedika madwar Eur3,500 f'tizjin ghall-Milied gol-pjazza u l-madwar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kien ghadu fis-sehh il-kuntratt ghat-tizjin tal-Milied ma' Lawrence Cassar.

**41.4 Aġġustamenti tal-Accounts**

Il-laqgha tal-Kunsill giet fi stadju ta' kumitat sabiex ikunu jistghu jigu diskussi aġġustamenti fl-accounts. Prezenti kien hemm ukoll prezenti l-accountant Paul Bugeja, sabiex jispjega ahjar kull aggustament.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn l-ammonti bin-'negative balances' ghandhom jinqatghu mill-bilanci. (152)

| Isem | Bilanc | Account |
|---|---|---|
| Civil Protection Dept | 1,714.93 | 3190 |
| Dept of Information | 69.56 | 2940 |
| Martin Transport | 196.00 | 2720 |
| Martin Transport | 380.00 | 2720 |
| Melita Cable | 97.11 | 2160 |
| Mellieha Holiday Centre | 152.00 | 3370 |
| MEPA | 167.20 | 3090 |
| Camilleri Michael | 40.00 | 3021 |
| Michael Partainer | 100.00 | 3021 |
| Potterware Ltd | 70.80 | 2313 |
| Rita Vella | 901.35 | 3360 |
| Rita Zahra | 270.00 | 3360 |
| Rosario Cortis | 266.23 | 3360 |

| | | |
|---|---|---|
| Marcel Schriha | 2,650.00 | 3050 |
| Talent Zebbugi | 500.00 | 3370 |
| Victor Busutil Maniklu | 35.40 | 2671 |
| Victor Water Supply | 30.00 | 2370 |
| Water's Edge | 124.00 | 3380 |
| MicaMed | 169.66 | 3067 |

Total - Eur5,142.78

Dwar l-Aged Debtors’ List, Il-Kunsill qabel unanimament li il-bilanci li hemm taht l-isem La Barbone u Charles Vella ghandhom jinqatghu.(153) Dawn iz-zewg mozzjonijiet saru fuq proposti tas-Sindku Sarah Agius u l-Vici Sindku Alfred Grixti.

Dwar il-bilanc li hemm dovut mill-Water Services dwar Vjal il-Helsien, gie deciz li sabiex l-ammont jigi aggornat, jehtieg li nkunu nafu

1. li l-WSC ghalxhiex ikkommettew ruhhom
2. x’gie approvat mill-Perit tal-Kunsill
3. x’gie mahrug bhala invoice

**41.5 Bieb de Rohan**

Is-Sindku Sarah Agius li ghadu ma giex identifikat min hu l-proprjetarju ta’ Bieb de Rohan, ghaliex milli jidher anqas il-Knisja m’ghandha l-ebda rekords. Il-kunsill qabel unanimament li jitqabbad l-istoriku Ray Mangion sabiex jaghmel ricerka u jigi mitkellem l-ex Arcipriet Charles Attard forsi ghandu xi nformazzjoni.

**41.6 Tower Crane fi Triq Anthony Aquilina**

Il-Kunsill qabel li jinghata l-permess diment li jostakolax lit-triq u li ssir il-bankina temporanja. Qabel ukoll li jintalab garanzija ta' Eur2,000 sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat li jistghu jinqalghu.

**41.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-vot tal-flus. Wara diskussjoni is-Sindku Sarah Agius pproponiet li tiġi approvata l-iskeda. Hija giet sekondata mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

Kien hemm qbil unanimu ghall-iskeda ta' hlasijiet. (153)

**41.8 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**41.9 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li Jmiss**

Il-laqgha spiccat fit-8:35pm. Id-data tal-laqgha li jmiss giet deciza li ser issir fit-11 ta' Dicembru 2017.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |